FGURA

Minuti tas-sittin laqgħa tal-ħames Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 22 ta' Ġunju 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-7.00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| Kunsillieri: | Is-Sur C.Agius<br>Is-Sur C.Bonello – 19:20hrs<br>Is-Sur S.Camilleri<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur M.Lombardo |
| **Deputat Segretarju:** | Is-Sur A.Attard |

It-Tabib E.Grech MD – Viċi Sindku u s-Sinjura R.Cutajar - Kunsilliera m'attendewx għal din il-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

**1.0 <u>Approvazzjoni ta' Minuti</u>**

1.1 **Minuti tal-Laqgħa 14 ta' Mejju 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħa ta' l-14 ta' Mejju 2009 kif ippreżentati. Is-Sur S.Camilleri talab sabiex jittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur C.Agius, Sur S.Camilleri, Sur A.Debono, Sur P.Dalli.

. Kontra – Ħadd

Astenzjoni: Is-Sur M.Lombardo

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-Minuti tal-Laqgħa 14 ta' Mejju 2009, ġew approvati b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**2.0 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

2.01 Is-Sindku ppreżenta korrispondenza mgħoddija lill-Kunsill mid-Deputat Segretarju fejn ta r-riżenja tiegħu b'effett mill-1 ta' Lulju 2009. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2494/09/5 "B'referenza għall-ittra mingħand id-Deputat Segretarju Adrian Attard datata 22 ta' Ġunju 2009, fejn ta r-riżenja tiegħu dan il-Kunsill qiegħed jinnomina lil Kevin Borg (Segretarju Paola) bit-tieni preferenza s-Segretarju tal-Kalkara. Għandha tintbagħat ittra lis-Segretarju

Alex Grima sabiex jinforma lill-Kunsill bl-intenzjonijiet tiegħu fl-impjieg tiegħu tal-Fgura". Din kienet ssekondata mis-Sur S.Camilleri.

Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur C.Agius, Sur S.Camilleri, Sur P.Dalli, Sur M.Lombardo

. Kontra – Is-Sur A.Debono

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2494/09/5 kienet approvata b'ħames voti favur, vot kontra u l-ebda astensjoni.

Il-mozzjoni ref: 2494/09/5 kienet approvata nem con.

Is-Sur C.Bonello daħal fil-kamra fis-19:20hrs.

2.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2495/09/5 "Sabiex dan il-Kunsill jixtri pjaneta lil Fr.Renald Lofreda O.Carm biex tingħata fil-pussess tiegħu nhar il-5 ta' Lulju, 2009 bi spiża ta' €250". Din kienet ssekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2495/09/5 kienet approvata nem con.

2.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2496/09/5 "Sabiex dan il-Kunsill jagħti rigal ta' ringrazzjament lil Fr Joe Vella O.Carm għaż-żmien li serva Kappillan fil-Fgura". Din kienet ssekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2496/09/5 kienet approvata nem con.

2.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2497/09/5 "Sabiex il-Kunsill jordna żewġ gwardjani waqt l-attivita ta' Talent Show organiżżat mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Banda Madonna tal-Karmnu Fgura bi spiża ta' mhux aktar minn €100". Din kienet sekondata mis-Sur S.Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2497/09/5 kienet approvata nem con.

Is-Sur S.Camilleri staqsa fuq żewġ attivitajiet li saru nhar il-Ħadd 21 ta' Ġunju 2009 mill-Paroċċa Madonna tal-Karmnu fejn sar tberik ta' l-annimali u nhar is-Sibt 20 ta' Ġunju 2009 fejn sar party f'Wesgħa Kunsill Ewropa jekk kienx hemm permess għalihom. Id-Deputat Segretarju nforma lis-Sur S.Camilleri li tali mistoqsija ser tiġi mwieġba fid-dettal ħalli jingħataw d-dettalji kollha rikjesti.

Sar ringrazzjament mis-Sindku lill-Kunsillieri preżenti.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

____________________ ____________________

Sindku Deputat Segretarju